KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 23** **It- Tlieta 20 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis- 6:17pm)
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 6:14pm)

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Chantelle Portelli- Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Mosta Scout Group

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

### 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is- Sindku ppropona li peress li kien maltemp konsiderevoli, il- membri preżenti qablu li min m' attendiex il- laqgħa ikun skużat b'apoloġiji, il- membri preżenti qablu.

### 23.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 22

23.2.1 Korrezzjonijiet tal- Minuti nru 22

Ma ġew ippreżentati ebda korrezzjonijiet fir-rigward tal-Minuti nru 22. Għaldaqstant, il-Minuti ġew approvati unanimament (nem. con.).

23.2.2 Aġġornamenti tal- Minuti nru 22

Fir-rigward ta' Triq il-Mitħna, ġie rrappurtat li x-xogħlijiet waqfu temporanjament minħabba li l-materjal tal-cladding li ġie pprovdut mil- kuntrattur ma kienx tal-kulur kif mitlub mill-perit responsabbli tal-proġett. Qed isiru l-passi meħtieġa sabiex il-materjal jiġi sostitwit skont l-ispeċifikazzjonijiet approvati, biex ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jitkomplew.

Fil-18:08, is-Sindku ppropona sospensjoni tal-laqgħa sabiex jiġu diskussi l-punti 23.5.1, 23.5.2 u 23.5.4, kif ukoll sabiex issir preżentazzjoni mill-Mosta Scout Group kif elenkat fil-punt 23.5.8. Il-proposta ġiet approvata unanimament.

23.5.1 New Tender KLMT 01-2026-Upkeep and Maintenance of Parks and Gardens and soft areas in Mosta in Environmentally Friendly manner.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li abbozz tat-tender intbagħat lill-Kunsillieri sabiex jingħata l-feedback tagħhom. Wara diskussjoni u qari tad- dokumenti, il-Kunsill approva unanimament li dan it-tender jinħareġ fuq is-sistema tal-ePPS f'isem il-Kunsill Lokali tal-Mosta. It-tender għandu valur stmat ta' madwar €6,000 fix-xahar (eskluż il-VAT), konformi mal-allokazzjoni baġitarja approvata mil- Kunsill, kif ukoll konformi mal- allokazzjoni li tingħata lil- Kunsill.

23.5.2 Approval - Evaluation Report KLMT 03-2025 Upkeep and Maintenance of Pavements and ancillary works

Is- Segretarju Ezekuttiv bgħat lil kunsillieri ir- rapport tal- evalwazzjoni tal- bord tat- tenders, fejn kien hemm applikant wieħed, l- RMX Ltd. Il- Kunsillier preżenti approvaw ir- rapport tal- bord tat- tenders, li l- Kunsill għandi jipproċedi bil- ftehim mal- fornitur.

23.5.4 Christmas Competition – Presentation of Prizes

Il-Kunsill ippreżenta l-premjijiet tal-Kompetizzjoni tal-Milied lir-rebbieħ Rafael Vella, u rringrazzjah talli attenda għall-preżentazzjoni minkejja l-kundizzjonijiet tat-temp. Ir-rebbieħa l-oħra ser jiġbru l-premjijiet tagħhom mill-uffiċċji tal-Kunsill bil- kumdita tagħhom.

23.5.8 Mosta Scout Group Presentation

Is-Sur Sean Bartolo għamel preżentazzjoni f'isem il-Mosta Scout Group.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-korrispondenza riċevuta mill-Mosta Scout Group fejn intalbet estensjoni tal-Management Agreement bejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta u l-istess grupp. Il-Viċi Sindku spjega fid-dettall il-kuntratti eżistenti bejn il-Lands Authority, il-Mosta Scout Group u l-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Ġie nnotat li l-kuntratt li reġa' ġie ffirmat mal-Lands Authority kien jinkludi emenda fil-Klawżola 12, li skont is-Sindku u l-Viċi Sindku ma ġietx diskussa jew approvata f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, kif ikkonfermat mill-minuti. Il-Kunsill qiegħed jitlob li l-kuntratt preżenti jiġi allinjat mal-kundizzjonijiet oriġinali kif approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsill ser jikkomunika formalment mal- Awtorita tal- Artijiet sabiex jiġu rrestawrati l-kundizzjonijiet oriġinali tal-ftehim.

Fir-rigward tat-talba tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija biex tuża parti mis-sit bħala workshop, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jorganizza laqgħa bejn il-Mosta Scout Group, is-Soċjetà Santa Marija u l-Kunsill sabiex jiġi diskuss u identifikat il-way forward.

**23.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**23.3.1 Komunikazzjoni**

23.3.1.1 Każ tal- PCRB – KLMT-01-2024

Is-Sindku u s- Segretarju Eżekuttiv informaw lill-Kunsill dwar il-każ quddiem il-PCRB relatat mal-kuntrattur tal-knis GCS (KLMT-01-2024), fejn il-kuntrattur fetaħ proċeduri kontra l-Kunsill. It-Tribunal tal- PCRB sar fl-4 ta' Diċembru 2025. Il-PCRB iddeċieda li ma jilqa' ebda waħda mit-talbiet tal-kuntrattur u kkonferma li l-Kunsill mexa b'mod legali u korrett fil-proċess kollu tal- evalwazzjoni tat- tender.

23.3.1.2 *Commemorative Stone* fi Pjazza Torri – Talba mill- Mosta Scout Group

Is-Sindku informa lill-Kunsill bit-talba li saret mill-Mosta Scout Group rigward tqegħid ta' ġebla kommemorattiva fi Pjazza Torri, bħala tifkira tal- 110 sena anniversarju. Il- Kunsillieri qablu nem. Con.

23.3.2 Korrispondenza

Is-Sinjura Fenech, impjegata tal-Kunsill, talbet sabiex tavvanza minn Skala 16 Notch 5 għal Skala 16 Notch 6 b'effett mis-16 ta' Jannar 2026. Wara li ġie vverifikat li t-talba kienet konformi mar-regolamenti applikabbli, il-Kunsill approva unanimament.

**23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma ġew ippreżentati ebda mistoqsijiet mil- Kunsillieri fuq il- ħidma tal- Kunsill.

**23.5 Rapporti**

23.5.3 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati

Fir-rigward tal-impjegati, il-marki ġew attribwiti skont ir-rapport ippreżentat mis- Segretarju Eżekuttiv u diskuss mal- Kunsillieri. Fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv, l-evalwazzjoni saret mis- Sindku skont il-proċeduri stabbiliti. Il- marki ġew attribwiti skond ir- rapport individwali.

23.5.5 Mosta – Commitment Letter – SPI/SCI/5/2025 – Karnival 2026

Il-Kunsill innota u approva l-iskema relatata mal-Karnival 2026, u qabel li l- Kunsill jipproċedi skont il-kundizzjonijiet tal-iskema applikabbli.

23.5.6 SPI/SCI/10/2025 – Korsijiet Lifelong Learning 2026–2027

Il-Kunsill approva l-applikazzjoni għall-iskema tal-korsijiet Lifelong Learning għall-perjodu 2026–2027, skont il-linji gwida tal-iskema. Il- Kunsill applika għal- istess korsijiet bħas- snin preċendenti.

23.5.7 Vakanza għall- Impjieg fi skala 15

Il-Kunsill innota li, wara r-riżenja tas-Sur Borg li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Novembru 2025, inħolqot vakanza fil-kariga ta' Uffiċjal fuq Skala 15. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa pubblika sabiex jiġi rreklutat uffiċjal ieħor bħala sostitut tiegħu, skont il-proċeduri u r-regolamenti applikabbli.

23.5.9 Claims Approval

Il-Kunsillier Zerafa ppreżenta r-rapport tal-Claims Board bħala dokument mehmuż lill-Kunsillieri preżenti. Il-claims kollha ġew approvati, ħlief wieħed kif indikat fir-rapport imsemmi, fejn il- Kunsill qabel li l- claim ma kellhiex bażi sodisfaċenti biex tiġi milqugħa.

**23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

23.6.1 Skeda tal-Pagamenti

L- iskeda ta' Pagamenti numru 169 kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

23.6.2 Purchase Orders

Il- lista ta' purchase orders kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

23.6.3 Works Orders

Il- lista ta' Works orders kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

23.6.4 Petty Cash

Ir- rendikont preżentant tal- Petty Cash kien approvat mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**23.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7:46pm, u kien maqbul illi l- laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Numru 24, se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Frar 2026 fis- 18:00pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |